Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tat-389 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar**
**it-Tnejn, 26 ta' Settembru, 2011**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Keith Pisani, is-Sur Robert Buhagiar, is-Sinjura Anna Calleja u s-Sur Kevin Plumpton.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tal-Viċi Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-388 laqgħa.

Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti

Is-Sur Pisani staqsa jekk il-Kunsill kienx talab parir tekniku dwar iz-zbir tas-siġar f'Misraħ San Gakbu. Is-Sindku qal li kien tkellem mal-ġurnalist u spjegalu r-raġuni għaliex is-siġra ġiet mizbura aktar milli kien mistenni.

Is-Sur Pisani staqsa sa meta l-Kunsill kien ser jilqa' l-kummenti tar-residenti ta' Triq il-Kappuccini u t-toroq tal-viċinanzi dwar it-tibdil li sar riċentament fis-sistema tat-traffiku u dwar il-proposta ta' tibdil li qed isir. Id-Deputat Segretarju qalet li s-suġġerimenti kienu ser jiġu milqugħa sa t-8 ta' Ottubru 2011.

Is-Sur Pisani staqsa dwar meta ser jinbeda x-xogħol ta' *resurfacing* tat-toroq taħt l-iskema *Private Public Partnership*. Is-Sindku qal li kien qed jagħmel kull pressjoni fuq l-entitajiet u l-kuntrattur sabiex ix-xogħol jinbeda mill-aktar fis. Is-Sinku qal li l-kuntrattur kien ser jibda x-xogħol hekk kif ikollu l-permessi approvati minn *Transport Malta.*

Is-Sur Grech talab li ssir pressjoni fuq l-kuntrattur peress li dan ix-xogħol għandu jsir fi zmien stipulat.

Is-Sur Pisani talab li l-Kunsill jorbot lill-kuntrattur jibda x-xogħol fi zmien stipulat.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Inqrat Memo 66/2011 mibgħuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar skema ta' għajnuna finanzjarja biex isir titjib tal-*playing fields* fil-lokalita. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Grech, il-Kunsill qabel li ssir applikazzjoni formali sabiex isir xogħol ta' titjib fil-*playing field* ta' Triq il-Kunvent, inkluz il-bini mill-ġdid tal-funtana u xogħol ieħor.

Inqrat Memo 87/2011 mibgħuta mid-Dipartment għall-Gvern Lokali dwar skema ta' finanzjament ta' proġetti speċjali 2011.

Inqrat Memo 89/2011 mibgħuta mid-Dipartment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jorganizzaw attivitajiet u jieħdu nizjattivi b'risq il-Malta *Community Chest Fund*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mil-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza attivita b'risq il-*Malta Community Chest Fund.*

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Grupp Armar Paroċċa Madonna tal-Grazzja Żabbar dwar l-arblu tal-festa li hemm fi Triq is-Santwarju quddiem il-Bank of Valletta u toqob tal-arbli tal-festa. Il-Grupp Armar talab sabiex isir laqgħa ma' rapprezentanti tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li s-Sindku flimkien mas-Sur Mark Grech u s-Sur Keith Pisani jiltaqgħu mar-rapprezentanti tal-Grupp Armar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Pelligrinagg Muturi u Roti Żabbar li rringrazzjaw lill-Kunsill għall-għajnuna li ingħatat fil-pellegrinaġġ tat-tfal u l-pellegrinaġġ annwali tal-muturi u roti.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar fejn il-Kunsill ġie infurmat li l-Knisja Parrokkjali tal-Madonna tal-Grazzja fi Triq is-Santwarju ġiet nkluża bħala Proprjeta' Skedata skont l-artiklu 46 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvillup.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill Lokali ta' Marsaskala dwar il-proġett bl-isem *Shoulder by Shoulder* fejn il-Kunsill ġie mistieden jinnomina żgħażagħ Zabbarin ta' bejn it-18 u l-25 sena li għandhom nuqqas ta' dawl sabiex jipparteċipaw f'dan il-proġett li ser issir fir-Rumanija.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-kumpanija Hoi Polloi Theatre Productions fejn talbet li ssir laqgħa ma' rapprezentanti tal-Kunsill sabiex jiddiskutu dwar opportunatijiet għal tfal u żgħażagħ li jixtiequ jitrawmu fl-arti teatrali u muzikali. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar, il-Kunsill qabel unanimament li l-Viċi Sindku u s-Sur Pisani jiltaqgħu mal-kumpanija Hoi Polloi Theatre Productions.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Perit Lino Bianco dwar l-applikazzjoni tax-Xelter f'Misraħ is-Sliem. Il-Kunsill ġie infurmat li l-Bord ta' l-Awtorita tal-Ambjent u l-Ippjanar kien ser jerġa jiddiskuti l-applikazzjoni fil-laqgħa li jmiss nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Ottubru, 2011 peress li fl-aħħar laqgħa ma kienitx ittieħdet deċizjoni finali.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kumitat Kongunt lill-kumpanija *Sterling Security* dwar is-servizz mogħti mill-gwardjani lokali fix-xahar ta' Awwissu li skont il-Kumitat Konġunt ma kienx wieħed sodisfaċenti.

<u>Item 6 – Xogħol tal-Kunsill</u>

- <u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Awwissu 2011 li kien jammonta għal €103.84. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn it-30 ta' Awwissu, 2011 u s-26 ta' Settembru, 2011 li kien jammonta għal €37,188.85. Dan ġie approvat unanimament mill-Kunsill fuq proposta tas-Sur Grech li ġiet issekondata mis-Sur Buhagiar.

- <u>Aġġudikazzjoni ta` offerti għall-xogħol ta' titjieb f'binjiet tal-Awtorita' tad-Djar (ZLC 5/2011)</u>

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi tlett offerti għall-xogħol ta' titjib f'Binjiet tal-Awtorita` tad-Djar (ZLC 5/2011). L-offerti mitfugħa kienu mingħand:

| Kuntrattur | Prezz | Dokumenti |
|---|---|---|
| Sur Ricky Caruana | €149,548.64 | mimlija u ffirmati |
| Sur Karl De Flavia | €90,538.37 | mimlija u ffirmati |
| Sinjuri Leo Camilleri u Gilbert Micallef | €140,654.54 | mimlija u ffirmati |

Inqara r-rapport li tħejja mill-Perit tal-Kunsill dwar l-offerti li ġew sottomessi. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel

unanimament li tintgħazel l-aktar offerta vantaġġjuza dik mingħand is-Sur Karl De Flavia.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt li l-Kunsill għandu għas-servizz ta' *Works Manager/Project Co-ordinator* (ZLC 9/2010) jiskadi fil-5 ta' Novembru, 2011 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx dan il-kuntratt għal sena oħra jew jekk għandhiex tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-kuntratt jiġi mġedded għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt għall-istampar tal-fuljett Citta' Hompesch (ZLC 5/2008) kien se jagħlaq fid-19 ta' Novembru 2011 u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sur Buhagiar li ġiet issekondata mis-Sur Pisani, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza dwar talba mill-impjegata tal-Kunsill is-Sinjura Mary Rose Caruana sabiex tkompli taħdem għal sena oħra bil-ħinijiet ta' xogħol imnaqqsa. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li t-talba tal-impjegata tiġi milqugħa.

Inqrat ittra ta' rizenja mis-Sur John Buttigieg minn impjegat tal-Kunsill. F'ittra bid-data 19 ta' Settembru, 2011, il-Kunsill ġie nfurmat li s-Sur Buttigieg li kien għadu fuq *probation period* kien qed jirrizenja b'effett immedjat mil-kariga ta' Assistent Amministrattiv Prinċipali. Filwaqt li s-Sindku laqgħa r-rizenja tas-Sur Buttigieg, ippropona li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Buttigieg għax-xogħol li huwa wettaq matul il-perjodu qasir li ħadem mall-Kunsill. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Bonnici, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tas-sittax-il laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's.

<u>Item 7 – Affarijiet Oħra</u>

Is-Sur Buhagiar qal li waqt il-ġranet tal-festa ma kienx hemm *mobile toilets* u li kien hemm min qiegħed imwejjed jew rama *kiosk* mhux fejn ingħatalu l-permess.

Is-Sur Buhagiar qal ukoll li din is-sena it-tindif tat-toroq ma sarx kif kien isir fis-snin preċedenti u kien hemm xi nuqqasijiet fis-servizz.

Is-Sinjura Calleja qalet li fil-ġranet tal-festa it-*toilets* fi Ġnien il-Kunsill ma kienux fi stat nadif.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bzonn li jiġi rranġat dawl li hemm maz-*zebra crossing* li hemm fi Triq is-Santwarju maġenb il-knisja kif ukoll id-dawl li hemm mal-monument tal-Gwerra fi Pjazza Madonna Medjatriċi.

Fit-8.50 is-Sinjura Calleja talbet li tkun skuzata.

Is-Sur Buttigieg semma l-bzonn li ssir *drop kerb* quddiem garaxx numru 33 fi Triq is-Santwarju viċinn Pjazza Medjatirċi.

Is-Sur Buttigieg talab li tiġi rranġata l-bankina quddiem il-ħanut *Benvenieu* fi Triq Bajada kantuniera ma' Triq Vittorja għax hija perikoluza.

Is-Sur Buttigieg talab li ssir pressjoni fuq il-kuntrattur *Vella Group* sabiex jibda x-xogħol ta' *resurfacing* taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership Scheme*.

Is-Sur Plumpton talab sabiex il-Perit tal-Kunsill jinforma lill-Kunsill dwar l-ordni li fih ser isiru t-toroq u kemm ser idum ix-xogħol biex jitlesta.

Is-Sindku qal li l-ewwel triq li ser tiġi *resurfaced* kienet Triq Leli Tabone.

Is-Sur Grech qal li kien tkellem ma' resident li joqgħod fi Triq ix-Xgħajra li kien talab sabiex titneħħa *road hump* minn quddiem ir-residenza tiegħu. Is-Sur Grech talab li tintbgħat ittra lir-residenti fejn jiġu avzati li ser titneħħa din ir-*road hump*.

Is-Sur Grech talab li jiġu rranġati l-*parking bays* fi Triq Leli Tabone wara li jsir ix-xogħol ta' *resurfacing.*

Is-Sur Buhagiar ilmenta dwar rampa li saret quddiem garaxx fi Triq Barumbara li għada kemm tingħata t-tarmak mill-Gvern Ċentrali. Is-Sindku qal li dan l-ilment kien diġa tressaq lill-pulizija sabiex jittieħdu l-passi neċessarji.

Is-Sur Buttigieg qal li l-Kunsill kien qed jintalab jagħti l-kunsens tiegħu biex fid-dar Gesu Guzeppi Marija fi Triq tal-Labour issir tibdil strutturali f'residenza u minflok tieqa ssir entratura għall-garaxx. Minbarra hekk qed jintalab ukoll li ssir *drop kerb* quddiem din l-entratura tal-garaxx.

Is-Sur Grech semma l-bzonn li jsir *refresh* u jiġu rranġati s-sinjali tat-traffiku li hemm fi Triq l-10 ta' Settembru 1797.

Is-Sur Grech semma l-bzonn li tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Kbira ma' Triq il-Kunvent. Is-Sur Grech talab ukoll li jitwaħħal *non-slip tape* ħdejn il-monument ta' Caligari fi Triq is-Santwarju ma' Triq il-Kbira.

Fid-9.05 ta' filgħaxija s-Sur Buhagiar talab li jkun skuzat.

Is-Sur Grech ppropona li ssir petizzjoni sabiex jitressqu l-ilmenti tar-residenti Zabbarin biex isir talba lill-Gvern sabiex jiġu *resurfaced* ta' Triq tal-Labour u Triq Kunsill tal-Ewropa, kif ukoll biex jiġi rranġat il-Masġar u jinbidel f'Park Reġjonali. Is-Sur Pisani ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament li tinġabar din il-petizzjoni.

Is-Sur Pisani talab li jsir *traffic management* fi Triq Patri Taddew Schembri peress li din it-triq hija dejqa u jeħtieġ li jsir tibdil fis-sistema tat-traffiku.

Is-Sur Pisani staqsa min jagħmel il-manutenzjoni tal-funtana f'Misraħ is-Sliem. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill.

Is-Sur Pace talab li jsiru *parking bays* fi Triq G Agius Muscat, kif ukoll li tiġi rranġata rampa li hemm fl-istess triq.

Is-Sur Pace ppropona li l-Kunsill jorganizza attivita' għall-persuni bi bżonnijiet speċjali. Is-Sindku ssekonda l-proposta tal-Viċi Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li ssir din l-attivita'.

Is-Sur Bonnici rringrazzja lil kull min għenu jieħu ħsieb id-delegazzjoni matul il-ġranet tal-festa.

Is-Sur Bonnici talab sabiex jiġu rranġati il-*parking bays* fi Triq Immakulata Kunċizzjoni.

Is-Sur Bonnici semma l-bzonn li jitnaddaf il-bust ta' A Caligari li hemm fi Triq is-Santwarju ma' Triq il-Kbira.

Is-Sur Bonnici talab li jiġi rranġat sprall tal-ilma li hemm fi Triq il-Kbira ma' Triq il-Kunvent.

Is-Sur Bonnici talab ukoll li jitpoġġew erbgħa qsari fi Triq il-Kbira Sqaq Numru 4.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.35 ta' filgħaxija.

Isabella Testaferrata De Noto
Deputat Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-390 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 19 ta' Ottubru, 2011.

Domenic Agius
Sindku